31985R2688

L 255/11 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 26.9.1985

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2688/85
tal-25 ta' Settembru 1985
li jemenda għar-raba' darba r-Regolament (KEE) Nru 32/82 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet speċjali fuq l-esportazzjoni għaċ-ċanga u l-vitella

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella (1), kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni tal-Greċja, u b'mod partikolari Artikolu 18(6) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 32/82 (2), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 631/85 (3), jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet speċjali għall-esportazzjoni taċ-ċanga u tal-vitella; billi Artikolu 3 ta' l-imsemmi Regolament jispeċifika li l-identifikazzjoni tal-prodotti għandha ssir fil-biċċerija; billi f'każi fejn karkassa jew nofs karkassa kienet diġà ġiet identifikata skond l-imsemmi Regolament, ir-rbiegħ minn dik il-karkassa jew nofs karkassi jistgħu jiġu identifikati f'lokalità oħra minbarra l-biċċerija; billi jidher li huwa ta' min jagħmel dispożizzjoni għal possibilità ta' din ix-xorta fl-imsemmi Regolament;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej qiegħed b'hekk jiġi miżjud ma' Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 32/82:

"F'każi fejn karkassi jew nofs karkassi jinqatgħu fi rbiegħ ta' quddiem u fi rbiegħ ta' wara f'lokalità oħra minbarra l-biċċerija, l-awtorità msemmija f'Artikolu 2(2) tista' tibdel iċ-ċertifikat hawn fuq imsemmi, maħruġ fir-rigward tal-karkassi jew in-nofs karkassi, ma' ċertifikati rigward l-irbiegħ hawn fuq imsemmija, kemm-il darba l-ħtiġiet l-oħra kollha li jirrigwardaw il-ħruġ tagħhom jkunu tħarsu."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Settembru 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Vici-President

(1) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
(2) ĠU L 4, tat-8.1.1982, p. 11.
(3) ĠU L 72, tat-13.3.1985, p. 24.